SANTA VENERA

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**PJAN TA' ĦIDMA**

**2011 – 2013**

**Pjan ta' Ħidma mis-Sindku Horace J. Anastasi għas-sena 2011, 2012 u 2013.**

Dan il-Pjan ta' Ħidma tħejja minni wara li tkellimt mal-Kunsillieri, ma' xi entitajiet u ma' xi residenti ta' Santa Venera.

Fl-2010 tkellimt mal-Kunsillieri Ronald Briffa, Carmel (Charles) Camilleri, Mariella Micallef, Stephen Sultana, Cleaven Christian Bugeja u Edwin Formosa u qassamtilhom id-dikasteri u ppreparajthom biex jippreżentaw il-Pjan ta' Ħidma tagħhom għas-sena 2011 sas-sena 2013.

Id-Dikasteri tal-Kunsillieri u tas-Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera:

| | |
|---|---|
| Horace J. Anastasi---Sindku | Finanzi u Kuntratti-----Informazzjoni u Pubblikazzjoni---Proġetti Kapitali/Infrastrutturali-Relazzjonijiet mal-U.E. u Ġemellaġġ---Jum Santa Venera--- Għaqdiet---Staff Amministrattiv u Ħaddiema---Gwardjani Lokali---Sinjali tat-Traffiku |
| Ronald Briffa---Viċi Sindku | Żgħażagħ, Kultura u Sport---Benefiċji mill-Programmi tal-U.E.---Informazzjoni Teknoloġika-Attivitajiet Internazzjonali---Sit Elettroniku---Faċilitajiet Sportivi u Rekreattivi (Sostitut tas-Sindku) |

| | |
|---|---|
| Charles Camilleri---Kunsillier | Edukazzjoni Ħolistika---Skejjel---Librerija---Attivitajiet Soċjali---Promozzjoni tal-Identita’ tal-Lokal---Promozzjoni ta’ xogħol bl-idejn---Bini Storiku---Kultura---Drittijiet u Ħarsien tat-Tfal |
| Mariella Micallef---Kunsilliera | Saħħa---Anzjani Nisa (Sostitut: Edwin Formosa)---Attivitajiet u Ħruġ għall-Anzjani---Persuni bi ħtiġijiet speċjali---Berġa |
| Stephen Sultana---Kunsillier | Trasport Pubbliku---Saħħa u Sigurta’---Għajnuna lir-Residenti---Negozji---Nies jaħdmu għar-Rashom---Konsumatur---Qasam Kummerċjali---SME’s u Koperattivi |
| Cleaven C. Bugeja---Kunsillier | Promozzjoni favur l-Ambjent (knis, skart u Skart goff inkluż)---Tisbiħ u Ħarsien tal-Ambjent---Indafa Pubblika --- Ġonna Pubbliċi---Soft Areas—Latrini Pubbliċi---Ġibjuni---Drittijiet u Ħarsien tal-Annimali |
| Edwin Formosa---Kunsillier | Ordni Pubbliku u Pulizija ---Dawl u Riklamar fit-Toroq---Solidarjeta’ mal-Familja---Anzjani Rġiel (Sostituta: Mariella Micallef) |
| Segretarju Eżekuttiv<br>J.M.Formosa | Finanzi---Amministrazzjoni---Riżorzi Umani---Relazzjonijiet Pubbliċi---Meniġer fuq ix-Xogħlijiet kollha---Koordinatur tal-Kumitati kollha---Gvern Elettroniku. |

Fl-2011, il-Viċi Sindku Ronald Briffa u l-Kunsillieri Carmel (Charles) Camilleri u Mariella Micallef ippreżentaw il-Pjan ta' Ħidma tagħhom.

Il-Kunsill baqa jinsisti u jsus mal-Kunsillieri 'l oħra biex jippreżentaw il-Pjan ta' Ħidma tagħhom u, sal-25 ta' Ġunju, 2012, il-Kunsillieri Stephen Sultana, Cleaven Christian Bugeja u Edwin Formosa baqgħu ma ppreżentawħx. Il-Kunsill baqa' jistenna u jistenna u, baqgħu ma ppreżentawħx. Fuq is-Sit elettroniku tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jidhru diversi Minuti, f'Laqgħat li juru dan.

B'sodisfazzjon nirrimarka li jien ngħin fid-Dikasteri ta' dawk il-Kunsillieri li ppreżentaw il-Pjan ta' Ħidma tagħhom u nwettaq ix-xogħol kollu tat-tliet Dikasteri tat-tliet Kunsillieri li baqgħu ma ppreżentawx il-Pjan ta' Ħidma tagħhom.

Minħabba li l-Kunsillieri Stephen Sultana, Cleaven Christian Bugeja u Edwin Formosa baqgħu ma ppreżentawx il-pjan ta' ħidma, d-Dikasteri tqassmu kollha fuq is-Sindku, s-Sur Horace J. Anastasi, fuq il-Viċi Sindku, s-Sur Ronald Briffa u fuq il-Kunsillieri Carmel—Charles Camilleri u Mariella Micallef.

Id-Dikasteri tal-Kunsillieri u tas-Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera:

| | |
|---|---|
| Horace J. Anastasi---Sindku | Finanzi u Kuntratti-----Informazzjoni u Pubblikazzjoni---Proġetti Kapitali/Infrastrutturali-Relazzjonijiet mal-U.E. u Ġemellaġġ---Jum Santa Venera--- Għaqdiet---Staff Amministrattiv u Ħaddiema---Gwardjani Lokali--- Trasport Pubbliku ---Saħħa u Sigurta'--- Tisbiħ u Ħarsien tal-Ambjent ---Drittijiet u Ħarsien tal-Annimali---Sinjali tat-Traffiku --- Ordni Pubbliku u Pulizija |
| Ronald Briffa---Viċi Sindku | Żgħażagħ, Kultura u Sport---Benefiċji mill-Programmi tal-U.E.---Informazzjoni Teknoloġika-Attivitajiet Internazzjonali---Sit Elettroniku---Faċilitajiet Sportivi u Rekreattivi |
| Charles Camilleri---Kunsillier | Edukazzjoni Ħolistika---Skejjel---Librerija---Attivitajiet Soċjali---Promozzjoni tal-Identita' tal-Lokal |

---Promozzjoni ta' xogħol bl-idejn---Bini Storiku---Kultura

---Drittijiet u Ħarsien tat-Tfal

Mariella Micallef---Kunsilliera — Saħħa---Anzjani---Attivitajiet u Ħruġ għall-Anzjani---Persuni Bi ħtiġijiet speċjali---Berġa--- Solidarjeta'mal-Familja---Għajnuna lir-Residenti---Konsumatur---Qasam Kummerċjali ---Dawl u Riklamar fit-Toroq

Louise Gusman---A/Segretarju — Finanzi---Amministrazzjoni---Riżorzi Umani---Relazzjonijiet Pubbliċi---Meniġer fuq ix-Xogħlijiet kollha---Koordinatur tal-Kumitati kollha---Gvern Elettroniku

Il-Kunsill ried jara lill-qafas tas-Soċjeta' Vendrina jissaħħaħ u qed jagħfas ħafna fuq:

Il-Finanzi

01. Tfassil t'estimi ta' Dħul u Ħruġ għal dik is-sena finanzjarja
02. Estimi mfassla fuq prijoritajiet tal-Kunsill
03. Kull ftit xhur l-Accountant t/jrid t/jagħti rendikont tal-andament tal-finanzi ndikati
04. M'għeluq is-sena finanzjarja, l-Accountant jippreżenta rendikont ta' kif għalqet is-sena

L-Ambjent:-

- Sforz biex ikun hawn Knis aħjar u aktar spissi fit-toroq ta' Santa Venera
- Sforz biex almenu darba f'xahar jixxarrbu xi toroq, inklużi dawk li mhumiex asfaltati
- Sforz biex jinqata' l-ħaxix selvaġġ kollu
- Sforz biex il-Pulizija u, bl-għajnuna tal-Kunsill ineħħu vetturi abbandunati
- Ġbir ta' skart filgħodu, minn wara l-bieb, minn Tnejn sa Ħadd---minbarra nhar ta' Tlieta
- Ġbir ta' skart riċiklabbli kull nhar ta' Tlieta, filgħodu
- Ġbir ta' skart goff kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ġimgħa

- Nippreparaw Sidien ta' postijiet kummerċjali biex jikkoperaw mal-Kunsill biex jittejjeb l-ambjent
- Attenzjoni akbar fil-Latrina devolutha lill-Kunsill
- Għad li applikajna mal-MEPA biex il-Kunsill jibni Librerija u Latrina fil-Ġonna tagħna u ma ġewx

  milqugħa; għandna naraw x'nistgħu nagħmlu
- Qed nippruvaw niftħu dawk li hemm fil-Ġonna tagħna
- Indafa u tisbiħ ta' Playingfields, soft areas u roundabouts
- Siti abbandunati għandu jinbnilhom iċ-ċint stipulat bil-liġi
- Inkomplu bit-tisbiħ tal-Ġonna eżistenti
- Għandna nkuna aktar konxji fuq it-tniġġiż fl-arja u tal-ħsejjes
- Trażżin tal-vandaliżmu—aktar CCTV Cameras

L-Edukazzjoni:-

- Programmi ta' Parental Skills
- Programmi ta' korsijiet ta' *Life Long Learning*
- Kors biex nindirizzaw l-illitteriżmu
- Kors dwar l-Unjoni Ewropeja
- Korsijiet artiġjanali
- Ħarġiet kulturali mill-Kunsill
- Kampanja mal-Istudenti favur l-indafa
- Kampanja dwar skart riċiklabbli għall-Istudenti
- Jum ta' ndafa fil-Ġonna ewlenin ta' Santa Venera għall-Istudenti
- Juice Day fl-Iskejjel, mill-Lariġ tal-Ġonna li jieħu ħsiebhom il-Kunsill
- Tagħlim lit-tfal u lill-anzjani dwar ikel u ħajja aħjar għas-saħħa
- Xogħol artiġjanali
- Tagħlim tal-Kompjuter
- Tqassim ta' Kompjuters użati mill-Kunsill
- Librerija ----applikajna biex il-Kunsill jibni waħda fi Ġnien Romeo Romano (u latrina) iżda, il-MEPA m'aċċettatx

Il-Familja/Affarijiet Soċjali/Anzjani/Persuni bi Bżonnijiet Speċjali:-

- L-Anzjani biex jibqgħu jgħixu fil-Komunita' Vendrina
- Żjarar lill-Anzjani u l-Morda fil-postijiet li jkunu qed jgħixu jew jiltaqgħu
- Tqassim ta' *Spy Glass* u Katina ta' mal-Bieb bla ħlas lill-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il- Jum
- Attivitajiet għal Jum l-Omm/Missier/Anzjan
- Persuni bi bżonnijiet speċjali
- Aċċessibbilita' lill-persuni bi bżonnijiet speċjali
- Taħdit mal-Anzjani/Żgħażagħ dwar il-ħsara tal-alkoħol, id-droga u l-vizzju tal-logħob
- Informazzjoni lil kull omm li tkun se twelled dwar kull tip t'abort u l-konsegwenzi
- Appoġġ favur it-tnissil tal-ħajja minn mindu tibda fil-ġuf sakemm tmut

L-Ordni Pubbliku:-

- Kuntatt personali mal-Pulizija
- Konsultazzjoni anke mal-Kummissarju tal-Pulizija
- Kuntatt mal-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gwardjani Lokali
- Ronda u nfurzar tal-Ordni mill-Pulizija u l-Gwardjani Lokali
- Dixxiplina fit-toroq

Tabelli u Sinjali tat-Traffiku:-

- Proposti serji ta' sistema ta' one-way f'xi toroq
- Tabelli ġodda u nnovattivi---dejjem skont l-esiġenzi
- Cat eyes qrib pedestrian crossings u humps
- Timed Parking
- Postijiet tal-ipparkjar għall-karozzi u l-muturi

Vetturi/Karrijiet abbandunati:-

- Għajnuna lill-Pulizija mill-Kunsill Lokali fl-avviżi tat-tneħħija u l-ġarr tal-istess żgombru

Skart:-

- Perjodu t'edukazzjoni
- Wara nfurzar tal-Liġijiet fuq l-iskart

Għajnuna Soċjali:-

- Għarfien ta' żoni bi bżonnijiet soċjali
- Għarfien ta' xi ommijiet/missirijiet li għandhom xi bżonnijiet

Trasport Pubbliku:-

- Il-karozzi tal-Linja jgħaddu minn toroq li jkunu qrib it-toroq tal-madwar
- Dawn il-Karozzi jgħaddu f'ħinijiet adatti ta' żona partikulari
- Dan is-servizz ikun adatt għall-ħaddiema, għall-anzjani u għaż-żgħażagħ
- Servizz tajjeb lejn l-Isptar
- Servizz għas-Sajf u għax-Xitwa
- Tabelli/Sinjali li jifhimhom kulħadd
- L-istess Trasport jfiehem lill-passiġieri il-postijiet minn fejn qed jinstaqu u d-destinazzjonijiet

Żgħażagħ u Sport:-

- Attivitajiet li jinvolvu ruħhom iż-żgħażagħ
- Faċilitajiet sportivi---indoor u outdoor

Ronald Briffa---Viċi Sindku

Żgħażagħ---Bħal ma sar fis-snin preċedenti se jkun iħeġġeġ lill-grupp taż-żgħażagħ tal-Lokal biex wara li jiltaqgħu u jfasslu pjan, jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Dan għandu jgħin biex iż-żgħażagħ ta' Santa Venera jkomplu jpoġġu l-lokal tagħna fuq il-mappa żgħażugħa lokali u barra minn xtutna.

Sport---F'Novembru, 2011, ħa ħsieb li tiġi sottomessa applikazzjoni għal fondi abbinati m'attivitajiet sportivi, liema attivitajiet għandhom jirriġeneraw interess u sehem akbar fl-isport. L-għan tal-proġett hu li jiffaċilita s-sehem ta' kulħadd fl-isport. Kien għalhekk lill-proġett sottomess ingħata l-isem ta' Sports għal Kulħadd.

Opportunitajiet ta’ Programmi Ewropej---Bħal m’għamel fil-passat se jkun qed jgħaddi kull informazzjoni dwar parteċipazzjoni fi programmi ewropej, lir-residenti tagħna, b’attenzjoni speċjali fuq iż-żgħażagħ.

Carmel (Charles) Camilleri---Kunsillier

Edukazzjoni:-

• iżomm kuntatt kontinwu mal-kapijiet tal-iskejjel primarji u sekondarji tal-Gvern u u jaħdem magħhom fi proġetti li jgħini fl-iżvilupp ta’ sistema edukattiva fil-lokal

• jara li jkunu attwati dawk ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni biex l-iskejjel tal-istat ikunu miżmuma fi stat tajjeb u f’ambjent nadif

• jiżviluppa mal-kapitajiet tal-iskejjel primarji u sekondarji u, mal-Kunsilli Skolastiċi tagħhom, koordinazzjoni li twassal għal djalogu aktar miftuħ mal-ġenituri dwar il-ħtiġijiet tal-istudenti

• jasal għal ftehim mal-kapijiet tal-iskejjel u l-Kunsilli Skolastiċi biex l-iskejjel tagħhom, wara l-ħin tal-iskola, jkunu utilizzati bl-aħjar mod possibbli għal attivitajiet kulturali u sportivi u biex f’dawk il-ħinijiet iservu ta’ ċentri ta’ tagħlim għall-ġid tal-komunita’

• jagħti l-appoġġ tiegħu biex il-ġenituri jifhmu l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni ta’ wliedhom

• jorganizza dawk l-attivitajiet li jidhirlu xierqa biex il-membri tal-komunita’ lokali japprezzaw aktar l-importanza tal-kultura u l-arti tal-pajjiż

• jinkoraġġixxi l-iżvilupp tat-talent lokali f’dak li hu teatru, mużika, tpinġija, snajja, ħjata

• jirrakkomanda lill-Kunsill l-għajnuna possibbli lill-għaqdiet kulturali bl-iskop li dawn iżidu l-attivita’ tagħhom ħalli jsaħħu l-iżvilupp kulturali fil-komunita’

• jaħdem biex titwaqqaf librerija pubblika

Mariella Micallef---Kunsilliera

Familja/Anzjani/Affarijiet Soċjali---

• Tikkoordina taħdit lill-Anzjani

• Tikkoordina taħdit dwar il-ħsara tal-alkoħol

• Tikkoordina taħdit dwar l-effetti tad-droga

• Attivitajiet għall-Anzjani

• Ativitajiet għal-Jum il-Missier/l-Omm

• Il-Berġa

- Koordinament mal-KNPD

**Louise-Anne Gusman---Segretarju Eżekuttiv**

- Determinazzjoni li tkompli turi ħilitha biex il-Kunsill Lokali tagħna jkun aktar effettiv u effiċjemti fil-ħidma tiegħu u ma jkunx limitat għall-organizzazzjoni u kwalita' ta' servizzi tagħna iżda, wkoll, għall-programmi varji u kapitali lill-Kunsill jippjana u jsus fuqhom matul dawn it-tliet snin ta' ħidma
- Tħarriġ kontinwu għall-impjegati tal-Kunsill biex jipprofessjonaw f'ħidmithom fir-rigward tal-amministrazzjoni sabiex tirrifletti f'servizz aħjar li jixraq il-komunita' Vendrina
- Biex Santa Venera tkun waħda mill-aħjar lokalitajiet f'Malta u Għawdex
- Il-Komunita' qed tikber sew u hemm bżonn li jikber ukoll in-numru tal-impjegati fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera

**L-iskopijiet tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera**

Fil-Laqgħa Pubblika li nżammet f'Mejju, 2011, fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera wera x-xewqa li jkompli jaħdem fuq dak kollu li kien tajjeb u, li għalhekk xtaq jirsisti li biex mhux biss jitwettaq ix-xogħol ta' 16,117 metru kwadru ta' tarmak fuq ħames (5) toroq fl-iskeda tal-Private Public Partnership (PPP) iżda, li minbarra lit-tarmak---minn 50mm kellu jeħxien għal 80mm jew aktar, kellhom jingħataw servizzi ġodda t'ilma u ta' drenaġġ fit-Toroq ta' Braille, Msida, Misraħ Santa Venera, Lunzjata u Misraħ il-Barrieri. Misraħ Santa Venera se jkun hemm partijiet sostanzjali pavimentat u se jissebbaħ iz-zuntier tal-Knisja l-Antika u, saħansitra se jkollna lok għal funtana, *built-in planters* u statwa tal-Patruna tagħna Santa Venera V.M. fuq pedistall li fuq wara tiegħu, se jkollna l-istatwa mprezzabbli ta' San Pawl Rieqed. Misraħ Santa Venera se jkun jiswa' ferm aktar minn dak li għandna ibbaġġitjat għalih---xi €140,000, u għalhekk, se nżidu mill-flus tal-UIF---Urban Improvement Fund. Dawn il-ħames toroq għandhom jiswew aktar minn €600,000---aktar mid-doppju li konna se nonfqu fil-bidu. Il-Kunsill wera biċ-ċar li kien se jibqa' miexi 'l quddiem.

Ix-xogħol infrastrutturali ma kienx biss fuq it-toroq li għandhom x'jaqsmu mal-Iskeda tal-PPP iżda, hemm ukoll, toroq oħra li jridu jsiru mill-Kunsill Lokali u toroq oħra li jridu jsiru mit-Trasport Malta.Hemm Triq San Ġorġ, Triq Ħal Qormi, Triq Reġjunali, Triq Ġdida fi Triq Msida u, oħrajn.

Inkomplu bil-proġett tal-Ark ta' Wignacourt f'Santa Venera.

Ikompli jsir xogħol ta' tisbiħ fi Triq Il-Kbira San Ġużepp, Triq Reġjunali, Triq Il-Ferrovija u…

Isir xogħol ta' tisbiħ fil-Ġonon pubbliċi u nibqgħu nieħdu sehem fil-FOCUS Group ma' Lokalitajiet oħra biex inħajru t-turisti jżuru l-Lokal tagħna.

Nerġgħu nirrestawraw in-Niċeċ.

Naraw li kif ikollna finanzi aktar fis-sod nibnu dak il-Park fi Triq Il-Ferrovija, li minn Skate Park tal-konkrit bdilnih għal Park b'ambjent ħaddari.

Nixtru aktar *planters* biex inkomplu nsebbħu l-Lokal tagħna.

Bdilna s-sistema tal-ġbir tal-iskart domestiku billi minbarra nhar ta’ Tlieta jinġabar kuljum, li skart riċiklabbli jinġabar kull nhar ta’ Tlieta u, skart goff jinġabar kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Ġimgħa. Il-Ġbir tal-iskart kollu jsir filgħodu.

Ippruvajna biex ikollna Kunsill Lokali aċċessibbli billi fittixna għal xi post ċentrali; tlabna biex ikollna xi swali f’Umberto Calosso iżda, għalina ma kienx hemm u se nibqgħu nippruvaw. Nitolbu għad-devoluzzjoni tas-sit biswit l-istess Bini Amministrattiv tal-Kunsill u nippubblikaw tenders għal post li jservi bħala Kunsil, Ċentru ta’ Matul Il-Jum Għall-Anzjani, Berġa u Librerija Diġitali/Uffiċċju tas-Sigurta’ Soċjali. Jekk ma jkollniex post f’idejna naraw li nġeddu l-kera tal-Anzjani.

Jinżammu aktar attivitajiet bi sħab mal-Għaqdiet Lokali.

Mhux faċli! Sar ħafna xogħol li ma jidhirx u/jew lir-riżultati għad iridu narawhom. Konna f’defiċit u l-lum, għandna surplus t’aktar minn 90%. Qabel ma stajniex nonfqu u issa, nistgħu nonfqu biss fuq il-prioritajiet tal-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera. Ovvju, li fl-aħħar sena ta’ dan il-Pjan irrridu noqgħodu attenti ħafna għax irridu nonfqu li faddalna fuq l-imsemmija toroq. Kemm il-Lokal kif ukoll, ir-Residenti tagħna jixirqilhom ‘l aħjar.

Għalhekk, għandna nkomplu naħdmu fuq it-tajjeb u nkomplu ntejbuh.

Horace J. Anastasi

Sindku

Santa Venera